MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 19/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adam Abuhmeda k/a Adam Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adam Abuhmeda k/a Adam Cini talli f'dawn il-Gzejjer nhar-it 23 ta' Marzu 2004, ghall-habta ta' 21.45 hrs., gewwa Triq Birkirkara, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

(1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRI-576 tal-ghamla Ford liema hsara tiskorri l-hamsin liri Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn hames mitt liri Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Kristina Schranz;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lill-imsemmija Kristina Schranz bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li l-imsemmija Kristina Schranz irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali, iddikjarat il-procediment ezawrit;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li l-procediment gie ezawrit kwantu ghat-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat id-diversi tentattivi inutili sabiex jigi notifikat l-appellat;

Rat il-verbal tas-7 ta’ Dicembru 2006 fejn Dott. Ruth Scott ghall-appellat ddikjarat li l-appellat gie notifikat ghas-seduta ta’ dik il-gurnata bl-avviz ta’ appuntament biss u li kien ghadu ma giex notifikat bir-rikors ta’ appell izda li kien qieghed jaghti ruhu b’notifikat u kien qieghed jircievi kopja ta’ l-istess rikors *seduta stante*;

Rat l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata minn Dott. Ruth Scott;

Rat is-sottomissjoni ta’ Dott. Anthony Barbara ghall-appellant Avukat Generali fejn qal li pendenti l-proceduri t-terminu ta’ preskrizzjoni jkun sospiz u li prova tal-hsara tezisti billi xehdet il-parti leza;

Rat is-sottomissjoni ta’ Dott. Ruth Scott ghall-appellat li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova dwar danni u li l-parti leza ma kinitx persuna kompetenti biex tivvaluta danni fuq vetturi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-appell gie differit ghas-sentenza preliminari dwar l-annullabilita` o meno tas-sentenza appellata u dwar il-kwistjoni ta' preskrizzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza. Huwa ghalhekk utili li jigi riprodott dak li jiddisponi s-subartkolu (2) ta' l-artikolu 687 tal-Kap. 9, u cioe`:

**"Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza."**

Li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat gew notifikati lilu m'hemm l-ebda dubju. Difatti, wara tali notifika, l-appellat deher quddiem l-ewwel Qorti fis-7 ta' Ottubru 2004 biex iwiegeb ghal tali imputazzjonijiet u l-proceduri tkomplew sakemm inghatat sentenza minn dik il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2005. Dik is-sentenza, pero`, ma saritx wahda "finali u definittiva" peress illi l-Avukat Generali ntavola appell minnha. Ghalhekk, ghalkemm l-appellat gie notifikat, ossia ta ruhu b'notifikat, bir-rikors ta' appell fis-7 ta' Dicembru 2006, ftit aktar minn tnejn u ghoxrin xahar minn meta r-rikors ta' appell gie pprezentat, ma jistax jinghad illi l-azzjoni hi b'xi mod preskritta. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi respinta.

Dwar il-kwistjoni tal-valur tal-hsara, id-difiza ssottomettiet li Kristina Schranz mhijiex persuna kompetenti biex tivvaluta l-hsara.

Issa, mill-provi fil-fatt ma jirrizultax illi kienet l-imsemmija Kristina Schranz li vvalutat il-hsara izda hija gabet stima minghand Frans Garage kif jidher mid-dokument a fol. 16.

Sfortunatament ma gie prodott hadd mill-imsemmi Garage biex jixhed dwar il-hsarat li osserva fil-bieba tal-karrozza ta’ l-imsemmija Schranz u biex jikkonferma l-istima rilaxxjata minnu. Pero` l-istess Schranz iddeskriviet il-hsara li tghid li l-appellat ghamlilha u tali hsara giet ukoll osservata minn P.S. 500 John Giusti li qal li “l-bieba kienet sfurzata miftuha, meta tinghalaq anke zzaqzaq, tibqa’ daqsxejn imbewqa”.

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta’ Frar 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, intqal hekk:

**“Fin-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta’ l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma’ l-artikolu 335 ta’ l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista’ jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta’ jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.”**

F’dan il-kaz ma tqabbadx perit. Pero` Kristina Schranz ikkonfermat li d-danni gew stmati skond kif hemm fid-dokument MS (a fol. 16) u l-Imhallef sedenti jhoss li ghandu bizzejjed esperjenza biex jghid illi minn kif gew deskritti l-hsarat, l-istima li nghatat biex isiru t-tiswijiet mehtiega hija ragjonevoli. Barra minn hekk meta Kristina Schranz regghet xehdet fit-18 ta’ Jannar 2005, hija qalet illi d-danni li sofriet thallsu kollha mill-appellant.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk anke din l-eccezzjoni hi michuda.

Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali in kwantu qieghed jitlob ghar-revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni, jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-appellat, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u tordna l-prosegwiment fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------